# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX.

Nru. 10 Jannar — Frar 1983


EDITORJAL

# 1983: SENA KBIRA GĦALINA LKOLL

Nistgħu ngħidu li kull sena ġġorr magħha xi ħaġa speċjali. Hekk fis-snin li għaddew aħna ċċelebrajna s-Sena tal-Handikappati, kif ukoll is-Sena tal-Anzjani. Din is-sena li qed tibda f'dawn il-jiem, għalina l-Għawdxin ser iġġibilna magħha okkażżjonijiet mill-iżjed straordinarji għandhom iħallu l-effett tagħhom fuqna lkoll.

## • Anno Santo Straordinajru

*Għal ħabta ta' nofs ix-xahar ta' Novembru li għadda il-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II, ħabbar sollennement li l-1983 sejra tkun* **Sena Mqaddsa Straordinjarja,** *fl-okkażjoni tal-1950 sena mill-mewt tal-Feddej tagħna Ġesù Kristu.*

*Soltu l-Anno Santo kien jiġi iċċelebrat kull ħamsa u għoxrin sena. L-aħħar wieħed li sar fis-sena 1975, meta miljuni kbar ta' nies żaru l-Belt Eterna ta' Ruma, u għaddew minn wieħed mill-Bibien tal-erba' bażiliċi l-kbar ta' Ruma sabiex jakkwistaw indulġenzi speċjali mogħtija għal żmien ta' din ix-xorta.*

*Aħna wkoll li ninsabu f'din il-ġżira nistgħu nieħdu sehem ukoll f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Anno Santo Straordinarju billi nieħdu sehem fl-attivitajiet li minn żmien għall-ieħor jiġu organiżati għalina fid-djoċesi tagħna, attivitajiet li jkollhom bħala skop prinċipali tagħhom il-qawmien spiritwali tal-poplu tagħna. Aħna nippruvaw inwasslulkom, permezz ta' din ir-rivista, l-avviżi kollha in konnessjoni ma' dawn l-attivitajiet. Nittamaw li kulħadd jieħu sehem fihom, ħalli b'hekk dak kollu li jsir fil-parroċċa tagħna jħalli effett tajjeb.*

## • Ċentinarju tad-Dehra tal-Madonna ta' Pinu

*Nistgħu ngħidu li din is-sena, 1983, għajnejn id-dinja ser ikunu mitfugħa fuq il-gzejjer Maltin, minħabba l-fatt li matul din is-sena qed tiġi ċċelebrat l-ewwel ċentinarju mid-dehra tal-Madonna ta' Pinu. Festi kbar kommemmorattivi qed jiġu mħejjija għax-xahar ta' Settembru. Il-parroċċa tagħna, bħalma dejjem għamlet f'okkażżjonijiet simili, tagħmel dak kollu possibbli sabiex tinvolvi l-komunità parrokkjali tagħha f'dawn l-attivitajiet.*

*Fl-istess żmien, jiġifieri f'Settembru li ġej, ġo Malta u Għawdex se jinżamm ukoll id-IX Kungress Marjoloġiku Internazzjonali, kif ukoll is-XVI il-Kungress Marjan Internazzjonali. Is-Suġġett magħżul għal dawn il-Kungressi huwa dan:-* **Marija: Omm il-Ħniena u r-Rikonċiljazzjoni.**

*Dawn il-Kungressi Marjani jsiru kull erba' snin. Għalhekk jeħtieġ li aħna lkoll nitolbu flimkien għas-suċċess ta' dawn il-Kungressi, nagħmlu ħilitna kollha sabiex nattendu għal xi laqgħat tal-Kungress Marjan li jsiru f'pajjiżna, kif ukoll nieħdu sehem attiv f'kull funzjoni li ssir b'Tifkira ta' l-egħluq il-mitt sena mid-dehra tal-Madonna ta' Pinu.*

***IS-SENA T-TAJBA LILL-QARREJJA KOLLHA***

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377



## ULIED ĠODDA FIL-PARROĊĊA

**23.10.82** FRANCENE bint Mario Borg u Josephine neè Grima

**24.10.82** MARK iben Nazzareno Mercieca u Josephine neè Vella.

**30.10.82** MARIJA bint Anthony Grima u Antonia neè Spiteri

**20.11.82** ROBERTA bint Joseph Bugeja u Maria neè Bugeja.



## INGĦAQDU FIŻ-ŻWIEĠ NISRANI

**30.10.82** Josephine Cauchi u John Saliba

**20.11.82** Yvonne Gauci u Johnnie Galea

**21.11.82** Anotnia Cauchi u Marcell Xuereb.

**18.12.82** Marija Tabone u Emmanuel Mizzi



## DAĦLU QABILNA FL-ETERNITÀ

**1.12.82** Michelina Cauchi.



## NILTAQGĦU NHAR

**Jannar 1983**

**Is-Sibt 1:** **Solennità ta' l-Imqaddsa Verġni** Marija Omm Alla. Konċelebrazzjoni solenni fit-8.00 a.m. FESTA KMANDATA.

**Il-Ħadd 2:** L-Epifanija tal-Mulej: Konċelebrazzjoni solenni fit-8.00 a.m.

**Il-Ħamis 6:** Siegħa Adorazzjoni Komunitarja fis-2.00 p.m.

**Il-Ġimgħa 7:** L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.

**Frar 1983**

**L-Erbgħa 2:** Il-Preżentazzjoni ta' Ġesù. Funzjoni tat-Tberik tax-Xama u Konċelebrazzjoni fis-6.00 p.m.

**Il-Ħamis 3:** Siegħa Adorazzjoni Komunitarja fis-2.00 p.m.

**Il-Ġimgħa 4:** L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.

**Il-Ħamis 10:** Solennità tan-Nawfraġju ta' San Pawl f' Malta. Konċelebrazzjoni Solenni fis-6.00 p.m.Obbligu tal-Quddies.

**Il-Ħadd 13:** Festa tal-Madonna ta' Lourdes

**L-Erbgħa 16:** Bidu tar-Randan Imqaddes Funzjoni ta' l-Irmied u Konċelebrazzjoni fis-6.00 p.m.
Obbligu tas-Sawm u Astinenza

**Il-Ħadd 20:** L-Ewwel Ħadd tar-Randan Fl-4.00 p.m. Quddiesa bil-priedka tal-Kwareżimal.

**It-Tnejn 21:** Mill-lum il-Quddies fil-għaxija jkun fil-5.00 p.m. u fis-6.30 p.m.

**Il-Ħadd 27:** It-Tieni Ħadd tar-Randan. Fl-4.00 p.m. Quddiesa bil-priedka tal-Kwareżimal.

**It-Tnejn 28:** **Jibdew l-Eżerċizzi taż-Żgħażagħ Quddiesa fis-6.30 p.m. Priedka fis.7.00 p.m.**
Predikatur: Dun Manwel Curmi

- *Ħaġa waħda tista tagħti u żżomha . . . . . KELMTEK*
- *Il-ħajja bħal mera, ikollna riżultat aħjar meta nitbissmulha.*
- *Meta tkun irrabjat għodd sa l-għaxra qabel titkellem – Meta tkun irrabjat ħafna għodd sal-mija u tgħid xejn.*
- *Titlobx biex terfa' piż eħfef, imma biex ikollok dahar isħaħ.*
- *Meta xi ħadd jgħidiek li dik il-ħaġa jew l-oħra bi ħsiebu jagħmilha għada, staqsieh x'għamel il-bieraħ.*
- *Tfal illeġittimi m'hemmx; hemm biss ġenituri illeġittimi.*
- *Ratal għerf tridlu għaxart irtal sens komun biex tapplikah.*
- *Kien x'kien il-passat tiegħek għandek quddiemek futur bla tebgħa.*



## *San Ġuda Taddew*

**Il-Parroċċa tagħna għadha kemm akkwistat kwadru sabiħ ta' San Ġuda Taddew. dan il-kwadru ngħata lill-parroċċa mis-Sur Kelinu Scicluna. L-għotja ta' dan il-kwadru, xogħol il-Pittur Pawlu Camilleri Cauchi, saret ftit qabel il-festa ta' dan il-qaddis li taħbat fit-28 ta' Ottubru. Dak in-nhar li saret il-preżentazzjoni tal-kwadru lil Mons. Arċipriet kien preżenti wkoll Mons. Isqof Cauchi, li bierek il-kwadru. Dan il-kwadru tqiegħed għal qima f'post milħuq minn mijiet ta' nies f'waħda mid-daħliet għal ġol-Bażilika. Biex tkompli tixtered id-devozzjoni, ġa kbira u mifruxa ta' dan l-Appostlu ta' Kristu, ġew stampati santi bit-talb lil San Ġuda bi xbieha ta' dan il-kwadru ġdid. Barra dan tlestew ukoll kurunelli f'ġieħ dan il-qaddis. Kull min ikollu xi wegħda u jkun irid iqassam minn dawn is-santi jista' jiksibhom mill-Uffiċċju Parrokkjali.**

## *Qed Nagħmlu minn kollox...*

Qed nagħmlu minn kollox biex il-knisja tagħna, li tilqa' fiha mhux mijiet imma eluf ta' nies, tkun komda u attrezzata minn kollox. Kif jafu bosta issa ġiet installata s-sistema tal-'public address', jiġifieri microphones, loudspeakers u kollox ġdid, u kulħadd jinsab sodisfatt li kulmin ikun fil-Bażilika tagħna jkun jista jsegwi l-funzjonijiet, għax kollox jkun jinstama' tajjeb minn kullimkien. Kienet spiża kbira, imma l-qlub ġenerużi ta' bosta u l-bżonn li kien jeżisti kienu li mbuttawna nirranġaw kollox.

Dan l-aħħar ukoll saru arranġamenti biex is-siġġijiet jkunu poġġuti fuq sistema permanenti fil-korsija, fis-salib u f'postijiet oħra. Ma stajniex inħallu iktar tisbit ta' siġġijiet, kongregazzjoni mifruxa 'l hemm u 'l hawm mal-knisja kollha, ħsara u brix f'siġġijiet ġodda li qamu flejjes kbar. B'dak li sar il-kongregazzjoni, f'kelma waħda in-nies li jinġabru għal funzjonijiet jew għal xi quddiesa, jkun hemm ċans li jkunu iktar miġbura u ċerti affarijiet, bħat-tqarbin jiġu organizzati aħjar. Din il-biċċa xogħol tista tgħin ukoll fil-ġbir li jsir fil-knisja kif għad żgur naraw il quddiem.

Affarijiet bħal din tas-siġġijiet żgur li ma togħġobx lil kulħadd. fid-dinja mhux possibbli li kulħadd jkun jaqbel ma l-istess ideja. Dan il-pass sar wara studju bir-reqqa xi tkun l-aħjar soluzzjoni għall-Knisja tagħna biex norganiżżawha aħjar fuq linji prattiċi waqt li nżommu quddiem għajnejna dak kollu li jkollna matul is-sena. Aħna persważi li meta jibda għaddej iż-żmien kulħadd jibda jifhem aħjar u japprezza dan il-pass li ħadna. Dan ma sarx b'kapriċċ jew biex inkunu bħal ħaddieħor, imma għax jeħtieġ li f'kull funzjoni, quddiesa jew laqgħa li jkollna, naraw iktar organizzazzjoni, serjetà, ordni u kwiet.

*Membru tal-Kunsill Parrokkjali*

## *Donazzjonijiet għar-Rivista*

Mr. C. Farrugia (Australia): Aust $ 20; Mr. Teddie Said: LM1., Mr. Carmelo Camilleri: 50c

Kanon Koronat Grima (Gibiltà) LM1

# Is-Sigaretti u l-Effetti Tagħhom

*Jiktbilna Dr. E. Rapa M.D.*

Fost il-mard serju li l-bniedem, mit-tieni gwerra dinjija 'l hawn, sar iżjed konxju tiegħu, hemm il-marda tal-Kancer. Dan il-flaġell ma għandu bżonn l-ebda introduzzjoni mal-qarrejja għax kulħadd illum jaf li din il-marda tista' taħkem kull organu u kull parti tal-ġisem tal-bniedem, u li sfortunatament, din hi marda fatali, jiġifieri kull min qabdu kancer, dan se jmut bih. Huwa veru li kull sena joħorġu mediċini ġodda kontra din il-marda, u li l-istudju dwar il-fejqan tal-kancer huwa kbir immens, iżds sa issa għandna ma nistgħu nkantaw l-ebda vittorja fuqu. Illum sa nikteb dwar il-kancer tal-pulmun.

Din il-marda l-iżjed li niltaqgħu magħha hija fil-pajjiżi ndustrijalizżati. Ir-raġuni hi li d-dħaħen tal-fabbriki u l-polluzzjoni tal-atmosfera jikkontribwixxu biex wieħed jista' jaqbdu l-kancer tal-pulmun. Għalhekk dawk in-nies li jgħixu fejn fabbriki li jerħu ħafna dħaħen perikolużi ikunu jgħixu f'riskju kbir. L-istess nistgħu ngħidu għal dawk in-nies li jaħdmu f'fabbriki fejn jinħadem l-asbestos, in-nichel, il-chromium u metal perikoluż ieħor.

Iżda l-iktar ħaġa li nafu li llum tista' ġġib dal-Kancer huwa bla dubju s-sigaretti. Lin-nisa inqas taħkimhom mill-irġiel, iżda huwa fatt li nisa li jpejpu huma iżjed suġġetti għal marda minn nisa li ma jpejpux. U iktar ma bniedem (raġel jew mara) jpejjep, iżjed għandu ċans li jaqbdu il-kancer; per eżempju min ipejjep 40 sigarett jew iżjed kuljum, huwa suġġett erba' darbiet iżjed minn bniedem li jpejjep bejn 10-20 sigarett kuljum.

Xi drawwiet li jintużaw minn min ipejjep huma wkoll relevanti għal din il-marda. Min ipejjep sigarett bla filter ikun qiegħed jagħmel iżjed ħsara lilu nnifsu minn min juża wieħed bil-filter. Drawwiet oħra ħżiena huma li wieħed jibla d-duħħan; li jqabbad sigarett li kien diġa beda jpejpu u mbagħad tfih; iqabbad sigarett minn sigarett ieħor mixgħul; jieħu ħafna nifsijiet minn sigarett wieħed, jew jibqa' ipejjep sigarett sal-aħħar nett. Dan kollu jurina kemm hu ta' ħsara t-tipjip u qiegħed nagħti dawn id-dettalji bil-għan li min jaqra dan l-artiklu, japprezza xi ħsara jista' jagħmel lil saħħtu u b'hekk ma jkomplix jirvinaha. Nixtieq ukoll nappella liż-żgħażagħ, ġuvintur u xebbiet, biex anki huma ma jaqgħux f'dan il-vizzju. Darba, waħda qaltli, "Jiena issa npejjep, però la niżżewweġ ma nibqax." Din hi idea żbaljata ħafna; apparti mill-fatt li la taqbad il-vizzju tat-tipjip, ftit li xejn hemm ċans li taqtgħu, però anki jekk jirnexxilek taqtgħu, l-istatistika turi, li anki l-fatt li xi darba kont tpejjep, inti dejjem jibqagħlek iżjed ċans li jaqbdek kancer tal-pulmun. Tiġi bl-istess ċans daqs wieħed li qatt ma pejjep wara tlettax-il sena li tkun waqaft tpejjep. B'hekk naraw li l-velenu li wieħed ikun ħa mis-sigaretti jibqa' jaħkem għal ħafna snin wara.

Wieħed mill-fatturi spjaċevoli fuq il-kancer tal-pulmun huwa li dan il-kancer diffiċli ħafna biex wieħed jittendi bih mill-bidu. Il-pazjent li jkollu l-kancer jikber ġo fih, għal numru kbir ta' xhur u kulltant anki għal sena sħiħa, ma jkollu xejn iżjed x'jinkwetah minn bniedem ieħor; u l-ewwel sinjali tal-kancer jibdew jidhru biss meta l-kancer ikun kiber sewwa, jew ikun diġa beda jinfirex għal bnadi oħra. ta' min jinnota li fil-"half-life" ta Kancer tal-pulmun (B'half life nifhem in-nofs tal-ħajja tal-kancer, jiġifieri n-nofs taż-żmien ta' bejn meta jibda l-kancer u bejn meta bniedem imut minħabba l-kancer). Il-kobor ta' dan it-tumur hu biss ta' millimetru fid-dijametru tiegħu u b'dan is-size żgħir, l-inqas biss ikun jidher f'X-Rays tal-pulmun. Irid jgħaddi ż-żmien u l-Kancer allura jikber biex (1) il-pazjent jibda' jħoss is-sintomi tiegħu u (2) dan it-tumur jibda jidher fir-ritratti. Iżda bħal ma ġa għidt, it-tumur, ikun għadda l-"half life" tiegħu u, jkun qiegħed iressaq il-pażjenti lejn il-mewt. U għalhekk il-kura li naturalment issa tibda tkun inbdiet meta ikun diġa tard wisq.

X'ihoss il-pazjent b'kancer tal-pulmun? Bhal ma ghidt fil-bidu ma jkun ihoss xejn u irid jghaddi ż-żmien biex jitfaċċaw l-ewwel sinjali. Soghla, spissa u li ma tghaddix bilmistura tas-soghla, hi l-iktar sintomu talmard. Ġie li s-soghla tant tkun qawwija li lpazjent jaqta d-demm x'hin jisghol. Ġie li ddemm ikun hajta żghira mal-bili, ġie li jneħħi demm mhux ħażin. Meta l-kancer jibda dieħel il-ġewwa, il-pazjent ikollu attakki ta' qtiegħ ta' nifs. ġie li jitrabbielu lilma fil-pulmun u ħafna drabi ikun muġugħ fil-post fejn ikollu l-kancer. Meta dawn issinjali jidhru kollha, aktarx li l-pazjent ikun marid gravi ħafna. Nixtieq hawnhekk niċċara ħaġa. Mhux kull min ineħħi xi demm mal-bili, għandu jaħseb li għandu kancer tal-pulmun, għax dan id-demm jista' jiġi dovut għal mard ieħor li ma jkunx serju jew tal-mewt bħall-kancer. Fl-opinjoni tiegħi, iżda, il-pazjent li jneħħi xi demm malbżieq dejjem jinħtieġlu X-Rays ta' sidru, u anke jekk dan ma jirriżultalu xejn, tajjeb li wara xi ftit xhur, jerġa jieħu X-Rays oħrajn biex inkunu ċerti li ma hu jiżviluppa xejn ġdid.

Meta jkun hemm suspett ta' kancer talpulmun għax il-pazjent juri s-sintomi li semmejna hawn fuq, dan jiġi mdaħħal fi sptar fejn issirlu "bronchoscopy". B'dan ittest il-kirurgu jittawwal ġol-pulmun, jara jistax jara it-tumur u jekk ikun possibbli, jaqta biċċa żgħira minnu. Fil-laboratorju din il-biċċa laħam tiġi eżaminata, u t-tabib jiġi mgħarraf jekk il-pażjent għandhux kancer tal-pulmun jew le; u fil-kas li iva', ilkwalità tal-kancer li jkollu. Din ta' l-aħħar hi mportanti ħafna, għax fuqha jitfassal ilkura futura. Lill-pazjent jistgħu jgħamlulu operazzjoni u jneħħulu l-pulmun l-marid jew biċċa minnu; jew inkella jsirlu kors ta' raġġi, jew inkella jibdewlu mediċina qawwija li joqtlu ċ-ċelluli tal-kancer. Hu veru li bħal ma għidt fil-bidu, il-kura kull tant tibda tard, iżda t-tabib jagħmel dak kollu li jista' biex itawwal il-ħajja tal-pazjent sfortunat. Minkejja l-kura kollha li tista' tingħata, pazjent b'kancer tal-pulmun rari ħafna biex jgħix sentejn wara li jkunu skoprew li hu marid b'hekk.

Tgħiduli komuni xejn din il-marda. L-aħħar statistika li għandna f'idejna hi tal-1980. F'din is-sena mietu fil-gżejjer ta' Malta u Għawdex 81 ruħ b'din il-marda (72 rġiel u 9 nisa). Fl-istess sena, it-tobba skoprew kancer tal-pulmun f'51 persuna oħra (46 rġiel u 5 nisa).

Mela ma hix xi marda rari din. U bħal ma ġa għidt, min ipejjep ħafna qiegħed jistedinha. Allura noqogħdu attenti mis-sigaretti!!!




**A & M Printing Ltd.**

*Letterpress & Offset Printers*

103A, Conception Street, Qala - Gozo Tel: 551488

*jixitiequ s-Sena t-Tajba*

*lill-Board Editorjali u l-Qarrejja kollha*

A & M Printing Ltd. Stampaturi ta' dan il-Fuljett

**Għall-Ifjen Għamara bi prezzijiet għal but ta' kulħadd**

**DESIRA FURNITURE – L-isem f'fomm kulħadd**

**—Show Permanenti fl-Astra—**

*Showrooms:*

- *City Gate, Valletta. (Tel: 20232)*
- *Bajjada Street, Zabbar.*
- *Astra Complex, Victoria - Gozo*

**J. DESIRA FURNITURE**



## Sant' Anton Abbati (17 ta' Jannar)



Twieled Erakleopoli, fl-Eġittu fis-sena 251 minn ġenituri nsara u għonja. Sa minn ċkunitu wera ħeġġa kbira għall-perfezzjoni. Biex ma jitħassarx ma' kumpanija ħażina, il-ġenituri tiegħu żammewh id-dar, hekk li ma kienx jaf jaqra ħlief bl-ilsien pajjiżu. Kien xempju ta' umiltà, ubbiddjenza u sabar. Ta' għoxrin sena tilef lil missieru u 'l ommu, sar sid ta' qasam kbir u bil-piż ta' oħtu iżgħar minnu fuq spalejh.

Wara xi sitt xhur sema' fi knisja kliem Kristu: "Mur biegħ kulma għandek, agħtih lill-fqar, u ejja warajja". Hekk għamel. Biegħ l-oqsma li kellu u qassam kollox lill-fqar, daħħal 'l oħtu f'kunvent ta' sorijiet, fejn aktar tard saret superjura u hu mar jgħix f'deżert qrib beltu, jitlob u jaħdem.

Bit-talb u bil-mortifikazzjoni — jiekol ħobż u ilma u jorqod fuq l-art dejjem ħareġ rebbieħ fuq it-tentazzjonijiet. Il-fama tiegħu ġibdet lejh ħafna dixxipli biex jgħixu taħt id-direzzjoni tiegħu. Fis-sena 285 għadda n-Nil u mar jgħix f'kastell qadim fuq għolja u dam hemm għoxrin sena ma jara 'l ħadd ħlief wieħed li kull sitt xhur kien jeħodlu l-ħobż. Fis-sena 305 waqqaf l-ewwel monasteru fil-belt ta' Fajjun, fl-Eġittu. Waqt il-persekuzzjoni ta' Massimu (311) stqarr fil-beraħ il-fidi tiegħu u wara mar jgħix ħdejn il-Baħar l-Aħmar fejn ta ruħu għal kollox għall-ħajja ta' sawm u għaks. Huwa kellu ħafna viżjonijiet dwar iż-żmien ġejjieni tal-knisja. L-Imperatur Kostantinu kitiblu biex jitolbu l-barka u l-interċessjoni tiegħu mal-Mulej.

Miet fis-sena 356, bla ebda sinjal ta' għawġ tax-xjuħija. Fuq talba tiegħu ġismu difnuh f'imkien moħbi, iżda aktar tard ħaduh Lixandra, imbagħad Kostantinopli u llum jinsab Arles, fi Franza.

L-annimal moqżież li jinsab f'riġlejn il-qaddis kien xbieha, għall-ewwel, tad-demonju li tiegħu dejjem għeleb it-tiġrib. Iżda billi fil-Medju Evu, l-Antonjani kienu jaħdmu fil-biedja u kellhom il-privileġġ riservat biex irabbu l-qżieqeż fil-foresti tal-ballut, Sant' Antnin ġie meqjus bħala l-protettur ta' l-annimali. Għalhekk fil-jum tal-festa ta' dan il-qaddis jitbierku l-annimali.

## X'Għamlet Mother Teresa?

Mother Teresa twieldet fi Skopje fil-Jugoslavia fis-27 ta' Awissu 1910. Isimha kien Agnes Gouxha Bojaxhiu. Missierha kien bil-ħanut tal-merċa. Kemm missierha kif ukoll ommha, kienu propjament mill-Albanija. Kienu l-kitbiet tal-Papa Piju XI u t-twaqqif tal-festa ta' Kristu Sultan li ħeġġuha tmur l-India, għall-ewwel bħala soru Karmelitana. Fl-10 ta' Settembru 1946 Mother Theresa kienet ispirata biex titlaq mill-kunvent tagħha u tibda taħdem qalb il-foqra, il-morda u l-abbandunati ta' Culcutta, fl-Indja. Wara li ngħatat permess tneħħi l-ilbies Karmelitan biex taħdem barra l-kunvent, hija libset sari (libsa Indjana) abjad bil-faxxi blu fit-truf, li 'l quddiem kellha tkun il-libsa tal-Missjunarji tal-Karità, il-Kongregazzjoni mwaqqfa minn Mother Teresa u approvata mill-Papa fis-7 ta'Ottubru 1950. Illum din il-Kongregazzjoni tferrxet mad-dinja kollha u nsibu li għandha ċentri tal-lebbrużi, djar tax-xjuħ, djar għal tfal abbandunati, ċentri għat-tqassim ta' l-ikel, ċentri għad-Duttrina u ħafna djar oħra għal xogħol ieħor ta' karità. Fl-1979 il-kongregazzjoni kellha 1187 soru u 531 novizzi. Barra dawn, il-Kongregazzjoni tal-Missjunarji tal-Karità għandha numru kbir ta' 'co-workers'. Insibu fergħa tas-Soċjetà Internazzjonali tal- 'Co-Workers' anke f'Malta u hawn Malta dawn l-iktar li jaħdmu huwa fost il-Handikappati. Il-'Co Workers' ta' Mother Teresa ġew affiljati mal-Missjunarji tal-Karità fl-1969.

*GĦALIKOM TFAL*



*Għeżież tfal,*

*Bdejna sena ġdida. L-1982 spiċċat u bdejna is-sena taċ-Ċentinarju tal-Madonna ta' Pinu, li dwaru tistgħu taqraw f'parti oħra ta' din il-ħarġa. Imma din is-sena taċ-ċentinarju għandha tkun għalikom u għal kulħadd sena ta' tiġdid spiritwali. Jidher kliem tqil dan hux? Imma nispjega dan kollu b'ħaġa żgħira li nixtieq li tagħmlu intom it-tfal, matul din is-sena.*

*Naħseb li smajtu kemm il-darba kemm fostna l-Maltin u l-Għawdxin jinsab mifrux il-mishut vizzju tad-dagħa. Jiena naf u konvint li ħadd minnkom ma jidgħi; imma wisq nibża li jista jkun hawn xi ħadd li jħobb iżerżaq xi kelma baxxa, jew isemmi lill-Madonna għalxejn. Jekk dan huwa l-każ ta' xi ħadd minnkom li qed jaqra, hemm bżonn li jiftaħ għajnejh sewwa u joqgħod attent biex matul din is-sena taċ-Ċentinarju tal-Madonna ta' Pinu jnaqqas u jġib fix-xejn dik id-drawwa ħażina li jgħid xi kliem mhux xieraq jew isemmi lill-Madonna. Diskors baxx jista 'jkun l-ewwel pass biex meta jgħaddu sena, tnejn jew tlieta oħra, jidħol fina, kif diżgrazzjatament daħal f'bosta Maltin u Għawdxin il-mishut vizzju tad-dagħa.*

*Tfal, inkunu nixbħu lill-Madonna, li kienet nadifa minn kull tebgħa biex, meta jkun il-waqt issejħilna bħalma sejħet lil Karmni Grima, anzi ssejħilna biex nkunu nistgħu ngawdu lilHa u lil Binha għal dejjem fil-glorja tal-ġenna. Għalhekk fil-bidu ta' din is-sena nagħmlu dan il-proponiment ħalli anke aħna nkunu ġġeddidna spiritwalment bil-għajnuna tal-Madonna ta' Pinu.*

**Saħħa tfal.**
***Iz-Ziju Peppi***

---

*Riċetta*

## Ikla Spanjola — IL-PAELLA

**Ingredienti:**

2 basliet imdaqqsin
1/2kwart dejf tal-majjal
1/2kwart ħut mħallat (ton taż-żejt u xi ħut imsajjar li jkollok)
Bżaru aħmar (mhux filfel)
Ftit nagħniegħ u mertqux
1/2artal ross
Bott żgħir mussels
Ponta ta' kuċċarina nutmeg
Pakkett żgħir piżelli tal-friża

**Metodu:**

Aqli l-laħam ġo tagen biż-żejt jagħli u ferrex ftit nutmeg fuq il-laħam.
X'ħin il-laħam isir, neħħih minn ġot-taġen.
F'dak iż-żejt, aqli l-basal imqatta irqieq u x'ħin isir sew, itfa' n-nagħniegħ, il-mertqux, il-bżar aħmar imqatta u l-mussels bl-ilma tal-bott b'kollox.
Żid ukoll il-ħut.
Ġo borma bil-mishun jagħli u ftit melħ, għalli r-ross sakemm isir sew. Saffiħ u aħslu taħt il-vit.
Ġo dixx, saħħan nofs pakkett butir.
Itfa' r-ross maħsul ġod-dixx, ferrex fuqu ftit nutmeg, melħ kemm tiggosta, u ħawwad tajjeb.
Mar-ross żid il-piżelli, l-ikkapuljat, it-taħlita ta' ġot-taġen u ħawwad tajjeb.
Kompli ħawwad sakemm tara li sar.
Servih f'dixx ovali.

# *Iċ-Ċentinarju tad-Dehra tal-Madonna Ta' Pinu*

Avveniment speċjali li ser infakkru b'Ċelġbrazzjonijiet Solenni matul l-1983 huwa l-ġrajja tad-Dehra tal-Madonna ta' Pinu, waħda mill-ġrajjiet li jsebbħu l-istorja tal-gżejjer tagħna.

Kien it-22 ta' Ġunju 1883, għall-ħabta ta' l-10.30 ta' fil-għodu, waqt li Karmni Grima, xebba ta' 45 sena mill-Għarb, kienet sejra mgħaġġla lejn darha, wara li temmet ix-xogħol fl-għelieqi tagħha. Kif waslet quddiem il-mogħodija li kienet tieħu għal din il-kappella magħrufa bħala 'Ta' Pinu' il-Madonna sejħitilha "Ejja, Ejja". Karmni ħabtet tibża' għax ma rat lil ħadd, imma minnufih reġgħet semgħet is-sejħa "Ejja, Ejja, għax ma terġax tiġi 'l hawn qabel sena oħra". Karmni malajr obdiet; daħlet fil-kappella u qalet xi talb. Imbagħad il-Madonna talbitha biex tgħid tliet Ave Marijiet f'ġieħ il-tlitt ijiem li ġisimha dam midfun ġewwa l-qabar. Karmni obdiet u wara marret ferħana lejn darha.

Fl-istess żmien wieħed ġuvni ta' l-istess età ta' Karmni, Franġisk Portelli, kellu messaġġ min għand il-Madonna u dan kien li jerreċita Missierna, Sliema u Glorja f'ġieħ il-pjaga li Ġesù għamel fuq spalltu waqt li kien iġorr is-salib lejn il-Kalvarju.

Meta xterdet ix-xniegħa ta'dawn id-dehriet, l-awtorità tal-Knisja eżaminat bir-reqqa lil dawn iż-żewġ persuni u ddikjart li huma verament semgħu leħen il-Madonna. Minn dak in-nhar 'l quddiem, id-Devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu baqgħet tikber u l-ġrajja u l-għajnuniet smewwija li xerrdet il-Madonna minn dan il-post qaddis huma bla għadd.

Biex it-tifkira ta' din il-ġrajja issir kif jixraq, minn snin ilu bdew isiru l-preparazzjonijiet meħtieġa. Fost l-attivitajiet li ser isiru għall-okkażżjoni taċ-ċentinarju huma **l-Kungress Marjologiku-Marjan Internazzjonali** li sejjer isir f'Malta u Għawdex bejn id-9 u t-18ta' Settembru 1983. F'dawn il-kungressi jieħdu sehem uħud mill-aqwa studjużi, rappreżentanti ta' Universitajiet u għaqdiet Marjoloġiċi Nazzjonali. Biex dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kommemorativi jirnexxu u jħallu l-frott, twaqqfu diversi Kumitati fid-Djoċesi ta' Malta u f'dik t'Għawdex li huma



responsabbli għal ħidmiet kollha taċ-ċentinarju. Kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex twaqqfu diversi sotto-kummissjonijiet bil-għan li jorganiżżaw diversi attivitajiet għall-kategoriji differenti; tfal, żgħażagħ, miżżewġin, anzjani eċċ.

Il-ħidma ta' tħejjija diġa bdiet billi fl-ewwel ta' Ottubru li għadda fiż-żewġ djoċesijiet fetħet il-Missjoni Djoċesana. Mistennija jiġu pubblikati wkoll xi kotba fosthom wieħed ta' l-E.T. Mons Isqof Cauchi dwar "Is-Santwarju ta' Pinu, Ċentru ta' Pellegrinaġġi" u ieħor mill-Għaqda Storika Maltija dwar id-devozzjoni Marjana f'Malta fis-sekli 17 u 18. Ser jiġu organiżżati wkoll Wirja Marjana, Kunċerti Mużikali u attivitajiet kulturali oħra.

Dawn l-attivitajiet u ċelebrazzjonijiet reliġjużi għandhom ikomplu sa meta f'Settembru 1983 isir l-għeluq ta' dawn il-festi ċentinarji tal-Madonna ta' Pinu bil-funzjonijiet li jsiru fit-tmiem il-Kungress Marjoloġiku Marjan.

***Dun Karm Borg***
*Ass. Direttur Ċentru Kulturali Marjan Ta' Pinu*